# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 495/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Christian Borg**

Illum 28 ta' Mejju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Christian Borg**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 315493(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. f'ismu propju u/jew għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija Goldcar Operations Limited (C79891) li fil-11 ta' Diċembru 2018 u fil-ġranet ta' qabel fil-post kummerċjali bl-isem ta' 'Goldcar Car Wash' fi Triq Ħal-Farruġ, Luqa u bnadi oħra f'dawn il-gżejjer, impjega jew ta xogħol lil tliet persuni li

ma kienux persuni eżenti u li ma kellhomx liċenzja mogħtija lilhom għal dak l-impieg jew xogħol skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 217 tal Liġijiet ta' Malta;

2. taħt l-istess ċirkostanzi, bħala persuna responsabbli li kien qed isir ġewwa l-fond imsemmi fi Triq Ħal-Farruġ, Luqa u nħawi oħra f'Malta, impjega persuni li ma kienux ċittadini ta' Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u uffiċjali;

3. fl-istess ċirkostanzi bħala prinċipal jew persuna li timpjega persuni oħra, *full time, part time*, jew xort'oħra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ b'dan l-impieg kif hemm stabbilit fl-Avviż Legali 110 tas-sena 1993 (3ª sa 10);

4. sar reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien ikkundannat għal reati b'sentenzi li saru definittivi.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tapplika d-dispożizzjonijiet ta' Regolament 5 tar-Regolamenti Dwar *Standards* Minimi Għal Sanzjonijiet u Miżuri Kontra Min Iħaddem Lil Ċittadini Minn Pajjiżi Terzi B'Residenza Illegali (Avviż Legali 432 tal-2011) (Leġislazzjoni Sussidjarja 217.14 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex jingħata dak il-ħaqq skont il-provvedimenti ta' dan l-istess Regolament.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Novembru 2022 fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat Christian Borg ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u fejn illiberatu minn kull ħtija u piena.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fl-1 ta' Diċembru 2022 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-7 ta' Novembru 2022 talab lil din il-Qorti

sabiex: *"jogħġobha* ***tħassarha u tirrevokaha*** *u minflok tgħaddi biex issib ħtija u tinfliġġi piena skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat in-Nota ppreżentata mill-Avukat Ġenerali fit-8 ta' Frar 2024 li biha ddikjara li r-Rikors tal-appell tiegħu ġie mressaq *ai termini* ta' Artikolu 413(1)(b)(iv)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet, fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2024, lill-konsulent legali tal-appellat iressaq eċċezzjoni fir-rigward tar-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali fejn saħaq li r-Rikors imsemmi huwa improponibbli u li huwa irritu u null.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali dwar l-eċċezzjoni hawn fuq imsemmija, kemm dawk mismugħa fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2024 u kif ukoll dawk mismugħa fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2024.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar eċċezzjoni mressqa mill-appellat Christian Borg fejn jisħaq li r-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali huwa improponibbli u li huwa irritu u null.

Illi fir-Rikors tal-Appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jitlob li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti u minflok issib lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu.

Illi permezz tal-appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni żbaljata tal-liġi. Jilmenta li

l-Ewwel Qorti kkritikat lill-Prosekuzzjoni talli ddeċidiet li tmexxi kontra l-appellat fil-vesti tiegħu ta' rappreżentant tas-soċjeta' Goldcar Operations Limited biss. Ikompli li l-Ewwel Qorti sostniet li ma kien hemm xejn x'jorbot lill-appellat mas-soċjeta' in kwistjoni bil-konsegwenza li skont l-Ewwel Qorti l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest. Jisħaq li l-appellat ġie mħarrek ukoll fil-vesti personali tiegħu u mhux biss in rappreżentanza tas-soċjeta' in kwistjoni.

Illi l-appellant jirreferi għad-dokumenti ta' JobsPlus minn fejn allegatament jirriżulta li n-negozju Goldcar Car Wash hi responsabilita' tal-kumpanija Princess Garage u li l-appellat huwa s-sid ta' din il-kumpannija minbarra li kien impjegat tal-istess kumpanija. Jirreferi wkoll għal fatt li mill-atti proċesswali tirriżulta konnessjoni bejn l-appellat u l-persuni li kienu qed jiġu mħaddma li jirreferu għal appellat bħala l-*boss*.

Illi l-appellant jirreferi wkoll għall-fatt li l-appellat assuma r-responsabilita' waqt l-istqarrija u mid-difiża tiegħu ħareġ li dawn l-impjegati kienu għadhom qed jieħdu t-taħriġ sakemm jiġu pproċessati l-karti minn Jobs Plus. F'dan ir-rigward jistqarr li mix-xiehda tar-rappreżentant ta' JobsPlus dawn il-karti ma rriżultawx. Jispjega li l-appellat għaraf lil wieħed mill-impjegati u kkonferma li dan xogħlu kien li jaħsel il-vetturi u kien jitħallas il-*minimum wage*. L-appellant jispiċċa billi jsemmi li l-punt ċentrali tar-Rikors tal-appell kien li l-appellat ġie mixli f'ismu propju u f'isem il-soċjeta' Goldcar Operations Limited. Ikompli li s-soċjeta' Princess Garage hija responsabbli għan-negozju Goldcar Car Wash liema negozju kien qed iħaddem il-persuni minn pajjiżi terzi mingħajr il-permessi neċessarji bil-konsegwenza li skont l-appellant, l-appellat kellu jinstab ħati.

Illi minn naħa tiegħu l-appellat jeċċepixxi li l-Avukat Ġenerali ma kellux il-jedd li jappella minħabba li l-appell imressaq minnu ma jinkwadrax ruħu taħt Artikolu 413(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ikompli li permezz tan-Nota tiegħu (*a fol.* 263) l-appellant indika li bbaża l-appell tiegħu fuq Artikolu 413(1)(b)(iv)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn tali dritt tal-

appell huwa limitat għal ċirkostanzi fejn il-Qorti għamlet enunċazzjoni żbaljata tal-liġi. L-appellat jisħaq li minn qari tar-Rikors tal-appell tal-appellant ma hi qed tiġi espressa l-ebda lanjanza dwar l-enunċjazzjoni tal-liġi. Ikompli li l-aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali huwa marbut mal-fatt li l-Ewwel Qorti kienet fattwalment żbaljata meta ġie konkluż li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-każ sal-grad rikjest.

Illi din il-Qorti tinnota li l-fatti tal-każ iduru madwar l-allegazzjoni li l-appellat kien qed iħaddem persuni barranin li ġejjin minn pajjiżi terzi mingħajr il-permessi neċessarji b'dan illi fil-11 ta' Diċembru 2018 membri tal-JobsPlus flimkien ma' membri tal-Pulizija mis-Sezzjoni tal-Immigrazzjoni għamlu spezzjoni f'garaxx fi Triq Ħal Farruġ. Waqt din l-ispezzjoni allegatament instabu persuni barranin jaħslu l-vetturi tad-ditta Goldcar.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz ta' Nota (*a fol.* 263) ippreżentata fit-8 ta' Frar 2024 l-appellant Avukat Ġenerali ddikjara li l-appell tiegħu ġie ppreżentat *ai termini* ta' Artikolu 413(1)(b)(iv)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Hekk kif ingħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, l-appellat jargumenta li dan is-sub-artikolu huwa ferm limitat fl-applikazzjoni tiegħu stante li japplika għal meta l-Qorti tagħmel enuċjazzjoni żbaljata tal-liġi.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li f'dan l-istadju ssir riferenza għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Lulju 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wayne Lee Mario Cassar** (Numru 99/2023) fejn dwar il-punt imsemmi hawn fuq, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi imbagħad is-sub-inċiż (1)(b)(iv) għall-Artikolu 413 jindika illi l-Avukat Ġenerali jista' jappella minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati f'dawk il-każijiet li ma jġorrux piena ta' aktar minn sentejn priġunerija, jew li

huma punibbli permezz ta' multa jew ammenda, u li allura jaqgħu taħt il-kompetenza oriġinali tal-Qorti[1], f'każ li l-imputat ikun illiberat unikament meta jikkonkorru xi waħda mit-tlett ċirkostanzi hemmhekk ravviżati, u ċioè illi l-fatt ma jkunx fih l-ingredjenti ta' reat, l-azzjoni tkun estinta, jew ikun hemm sejbien ta' ħtija jew liberazzjoni preċedenti.

Illi huwa pależi illi l-appell intentat mill-Avukat Ġenerali ma jinkwadrax ruħu fl-aħħar żewġ istanzi indikati u allura l-Qorti tifhem illi l-appell ntenta jista' biss jkun ikkunsidrat li jaqa' taħt dak dispost fis-sub-inċiż (1)(b)(iv)(i) u ċioe' illi *"il-fatt ma jkunx fih l-ingredjenti ta' reat"*.

Illi minn qari tal-aggravji mqanqla mill-Avukat Ġenerali huwa evidenti illi l-ilment ewlieni jistrieħ fuq il-fatt illi l-Ewwel Qorti meta ġiet biex tagħmel apprezzament tal-provi erronjament qieset illi l-aħjar prova li l-każ kien jagħti kellu jkun il-kuntratt lokatizju u allura li kienet żbaljata meta qieset illi l-provi l-oħra li kien hemm fl-atti ma kinux biżżejjed sabiex setgħet issib ħtija fl-appellat, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

Illi hija l-fehma tal-Qorti għalhekk illi l-appell tal-Avukat Ġenerali jaġġira ruħu unikament madwar l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti li waslet biex tillibera lill-appellat għaliex qieset illi l-provi li kien hemm fl-atti ma kienux biżżejjed b'saħħithom biex jistabbilixxu illi l-appellat fil-fatt kien sid il-kera u allura seta' kien is-suġġett attiv tar-reat. L-Ewwel Qorti ma wasslitx għal liberatorja minħabba xi *"error iuris"* u allura għaliex il-fatt ma kienx jikkostitwixxi l-ingredjent tar-reat.

[1] "Artikolu 370(1)(b)(c)."

Illi l-ġurisprudenza kostanti u paċifika tal-qrati tagħna fissret hekk dan il-jedd ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali. Fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Antonio Caruana"[2] ġie ritenut illi –

> **"B'liġi l-Attorney General ma jistax jappella dejjem, imma biss f'ċerti każijiet speċifikat mil-liġi stess. Wieħed minn dawn il-każijiet hu dak li fih il-maġistrat ikun illibera għaliex ikun irritjena li ma kienux jikkonkorru fil-fatt il-kostituttivi tar-reat. Għal raġunijiet kemm il-darba spjegati fil-ġurisprudenza, dan il-każ ġie dejjem limitat għal meta l-Maġistrat, bla ma jkun daħal fl-eżami tal-fatti tal-kawża, ikun iddikjara li l-fatt "kif-dedott" (apparti mill-provi, u għalhekk mhux il-fatt kif pruvat) ma jikkostitwixxix reat. Sussegwentement, il-ġurisprudenza, ormaj paċifika, estendiet l-interpretazzjoni ta' dan il-każ li fih l-Attorney General jista' jappella billi nkludiet fih anki l-każ meta l-Maġistrat ikun applika għall-fatti enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta tar-rekwiżiti tar-reat, għaliex intqal li l-appell ikun allura fuq punt ta' dritt."**

Illi l-kompjant Imħallef William Harding, fil-ktieb tiegħu ntitolat "Recent Criminal Cases Annotated" jgħid li –

> **"The Attorney General may enter an appeal, *inter alia*, whenever the party accused has been acquitted on the ground that the fact does not contain the ingredients of an offence. The word "fact" in this provision had at all times been held to mean the fact as contained in the charge apart from the evidence, and not the fact as it subsequently appears from the**

[2] "Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża nhar il-31 ta' Ottubru 1953."

**evidence. If the Magistrates acquits the accused because the fact is not proved, or because the fact, as it appears from the evidence, does not amount to an offence, then no appeal lies. An appeal will lie if the Magistrate, considering the fact solely and simply as contained in the charge, apart from the evidence, has come to the conclusion that that fact does not constitute an offence. In effect, this means that on a question of fact no appeal lies, but an appeal will lie on a question of Law.**

**An appeal will also lie – under the provision afore quoted if the Magistrate, after hearing and weighing the evidence, has, in applying the Law to the fact as proved, made a wrong interpretation of construction of the Law. In any such case, although the Court below has considered the fact as proved, still in as much as a wrong construction of the Law has been made, the questioned raised on appeal is, in reality, a question of Law.**

**For the purpose of examining whether a judgement be subject to appeal or not, in accordance with the aforesaid rules, it is essential to look more at the substance of the judgements than at the words which the Magistrate may have used, not always, perhaps, with the denied accuracy.[3]"**

Illi, ukoll fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Gaetano Cuschieri et" deċiża minn dina l-Qorti diversament preseduta nhar il-25 t'Ottubru 1984 ġie ritenut li –

[3] "Paġna 64, kif anke ċitata minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-appell kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Joseph Ellul Sullivan et**", deċiza nhar id-29 ta' Novembru 1982."

**"Fil-fatt jiġi ribadit dak li ormai għandu jkun jaf kulħadd li biż-żmien din il-Qorti u qabilha l-Qorti Kriminali (Sede Appell) kienu estendew il-każ fejn il-Maġistrat ikun illibera lill-imputat għaliex ikun irritjena li ma kinux jirrikorru fil-fatt il-kostituttivi tar-reat biex jinkludi fih ukoll il-każ meta l-Maġistrat ikun applika għal fatt enunzjazzjoni żbaljata jew inkompleta tar-rekwiżiti tar-reat. B'ġurisprudenza kostanti għalhekk ġie konċess ukoll id-dritt ta' l-appell lill-Avukat Ġenerali anke f'dan il-każ għax kif tant tajjeb spjegat fis-sentenza in re Pol. vs A. Caruana, mogħtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru, 1953, l-appell ikun allura fuq punt ta' dritt. Però għandu jiġi mfakkar illi fl-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju dawn il-Qrati dejjem addottaw linja dritta u inekwivoka ta' raġunament li assikurat li ma jsirx tiġbid ta' argumenti mill-Avukat Ġenerali biex jottjeni dritt ta' appell meta ma għandux u għalhekk dejjem għamlitha ċara din il-Qorti li dak li trid tara hi s-sustanza tas-sentenza fil-kumpless tagħha u jekk essenzjalment il-bażi tkun verament apprezzament ta' fatti ma jingħatax lill-Avukat Ġenerali d-dritt ta' Appell. Ir-raġuni hi ovvja u ċjoè għaliex ma għandux jintuża hawn qed nitkellem mhux fuq dritt ġdid ta' appell imma fuq estensjoni tal-massima li l-Avukat Ġenerali għandu dritt ta' appell meta l-Maġistrat ikun illibera għax ikun irritjena li ma kinux jirrikorru fil-fatt il-kostituttivi tar-reat.**

**Illi dan kollu din il-Qorti qalitu mhux għax kien hemm xi parti minnu li s'issa ma kienitx ċara iżda għax l-allegata enunzjazzjoni żbaljata jew inkompleta li l-Avukat Ġenerali qed jimputa li kien hemm fis-sentenza meritu**

ta' l-appell odjern din il-Qorti sempliċiment ma tistax taraha. Fil-fatt anzi hu bl-iktar mod ċar li fis-sentenza appellata ma hemm assolutament ebda enunċjazzjoni ta' liġi u għalhekk ma jistax jiġi ssostitwit dak li qed jiġi allegat.

Fil-fatt l-għaref Avukat Ġenerali qed jallega illi l-Ewwel Qorti għamlet distinzjoni bejn dak li "ma irriżulta b'ebda mod ippruvat" u dak li "ma rriżultax sodisfaċentement ippruvat stante konflitt fil-provi" u din hi distinzjoni li ma għandha ebda fundament fil-liġi. L-appellant fil-fatt qed jikkontendi illi l-grad ta' prova rikjest mill-prosekuzzjoni skont il-liġi huwa wieħed u uniku u ċjoé l-prova "Mingħajr dubbju raġonevoli". L-appellant ikompli ukoll jargumenta illi: "Il-Liġi ma tirrikjedix li l-prosekuzzjoni għandha tipprova l-każ tagħha "sodisfaċentement". Dan hu grad ta' prova li mhux magħruf fis-sistema penali Malti u huwa priv minn kull sinifikat. Inoltre, l-"konflitt fil-provi" ma jwassalx, kif irriteniet l-Ewwel Qorti għall-konsegwenza li l-prosekuzzjoni ma jirnexxilhiex tipprova l-akkużi skont il-liġi. Il-konflitt fil-provi huwa parti integrali mill-proċess kriminali u l-apprezzament ta' tali konflitt mill-ġudikant jifforma parti mill-eżerċizzju li hu mistenni jagħmel fir-riċerka tal-verità. Il-ġudikant ma jistax jagħmel, bħal ma għamlet l-Ewwel Qorti, li appena jidhirlu li hemm konflitt fil-provi allura jasal għall-konklużjoni li r-reati ma rriżultawx. Fil-każ ta' tali konflitt iżda, jispetta lill-ġudikant li jagħmel l-apprezzament tal-provi ggwidat mill-kriterji tal-liġi stess (ara artikoli 633 u 634 tal-Kodiċi Kriminali) u jiddeċiedi skont ir-regoli tal-liġi liema provi għandu joqgħod

**fuqhom u liema provi għandu jiskarta. Dan l-eżerċizzju ma sarx mill-Ewwel Qorti li kull ma għamlet hu li appena dehirlha li rriskontrat konflitt fil-provi waslet għall-konklużjoni li r-reat ma ġiex ippruvat".**

**Illi fuq dawn is-sottomissjonijiet kollha din il-Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha u hi tal-fehma opinjoni li n-nullita' eċċepita għall-appell ta' l-Avukat Ġenerali hi inekwivokalment fondata u radikata. Infatti mhux biss ċerti asserzjonijiet indikati huma totalment gratuwiti iżda din il-Qorti tinsab kompletament konvinta li anke jekk kellha tagħti valur assolut li s-sottomissjonijiet ta' natura legali li għamel l-appellant xorta trid neċessarjament tasal għall-unika konklużjoni li tista' raġonevolment tiġi raġġunta u ċjoè li fis-sentenza appellata hemm biss apprezzament ta' fatt u xejn iżjed. U mhux korrett dak li sostna l-appellant li fis-sentenza hemm anke minimament xi indikazzjoni li l-Ewwel Qorti ttrattat il-każ leġġerment u għamlet apprezzament tal-fatti superfiċjalment biss. L-apprezzament sar u jekk l-Avukat Ġenerali ma jaqbilx miegħu ma jfissirx li b'daqshekk ottjena dritt ta' appell meta ma għandux anke jekk l-istess appellant iħossu konvint li ma jistax jaqbel ma' dak l-apprezzament. L-istess liġi ma ttihx dritt ta' appell f'każijiet bħal dan u għalhekk ma baqgħalha xejn din il-Qorti ħlief li takkolji l-eċċezzjoni tan-nullità tal-appell."**

Illi, similment fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Giorgia Zammit", kien deċiż hekk dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lil dan is-sub-inċiż tal-liġi u d-diċitura adoperata illi l-"Fatt" ma jkunx jikkostistwixxi reat:–

**"…. Il-fatti jistgħu jkunu dawk imputati u jistgħu jkunu dawk li jirriżultaw. Fl-ewwel każ hu prospettat il-każ fejn il-Qorti bla ma tisma prova tiddeċiedi li l-fatt imputat ma fihx l-elementi ta' reat u allura hemm l-appell tal-Avukat Ġenerali u dan ikun purament appell fuq punt ta' dritt. Similment jekk wara li jinstemgħu l-fatti tiġi applikata ħażin il-liġi ikun propjament qed jiġi deċiż li l-fatti ma jikkostitwux reat mhux għax neċessarjament hu hekk iżda għax tkun saret enunzjazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-liġi. F'dan il-każ l-appell hu mogħti lill-Avukat Ġenerali jekk veru jkun sar dan l-*error juris* biss u l-fatti fil-fatt jistennew l-eżitu ta' din il-kwistjoni."**

Illi, ifisser għalhekk illi jkun ammissibbli appell f'żewġ każijiet biss, "**jiġifieri meta l-Maġistrat ikun waqaf fil-fatt kif dedott, apparti l-provi, u ddikjarah mhux reat, jew inkella meta jkun daħal fil-provi, imma jkun applika għall-fatti riżultati interpretazzjoni ħażina tal-liġi**.""

Illi filwaqt li din il-Qorti tikkondividi ma' dak hawn fuq ċitat u tagħmlu tagħha, hija tinnota li minn analiżi tas-sentenza appellata ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti waqfet fuq il-fatti u ddikjarat li dawn ma jikkostitwixxux reat. Stabbilit dan mill-aħħar sentenza qabel id-*decide* jirriżulta li l-Ewwel Qorti qieset li l-Prosekuzzjoni ma kienx irnexxielha tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest fi proċeduri penali u kien għal dan li għaddiet sabiex tillibera lill-appellat allura imputat. Għalhekk ma jirriżultax li saret deċiżjoni abbażi ta' interpretazzjoni legali.

Illi din il-Qorti tirreferi għar-Rikors tal-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali fejn dan jispjega hekk (*a fol.* 251):

"Illi l-punt ċentrali f'dan il-każ hu illi l-appellat ġie akkużat f'ismu propju u/jew in rappreżentanza tal-

> kumpanija Goldcar Operations Limited. Illi mill-punti hawn fuq elenkati, joħroġ biċ-ċar illi Christian Borg hu s-sid tal-kumpanija Princess Garage, li hi l-kumpanija responsabbli għan-negozju Goldcar Car Wash, l-istess negozju li kien iħaddem miegħu persuni mingħajr il-liċenzja meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jaħdmu f'Malta. Għaldaqstant, l-appellat Christian Borg kellu jinstab ħati tal-akkużi hekk kif dedotti kontrih."

Illi minn analiżi ta' dak appena ċitat mir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali jirriżulta ampjament ċar li l-ilment tal-appellant primarjament idur madwar interpretazzjoni ta' fatt u ċioè jekk l-appellat huwiex is-sid tal-kumpanija Princess Garage u jekk din hijiex responsabbli għan-negozju Goldcar Car Wash. Minbarra dan anke minn qari tal-korp tar-Rikors tal-appell jirriżulta ampjament li l-appellant mhux qed jaqbel mal-interpretazzjoni tal-fatti u jekk dawn joħolqux in-ness neċessarju sabiex jorbtu lill-appellat mar-reati in kwistjoni.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant Avukat Ġenerali jirreferi għal numru ta' dokumenti u ta' kif dawn id-dokumenti jippruvaw li kien hemm ness bejn l-appellat u r-reati addebitat lilu. Minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta li dawn il-punti kollha tqiesu mill-Ewwel Qorti iżda din kienet tal-fehma li l-provi mressqa ma kienux suffiċjenti speċjalment tenut kont ukoll tal-fatt li l-Ewwel Qorti kienet rinfaċċjata b'dikjarazzjonijiet kontradittorji fis-sens li minbarra l-appellat kien hemm persuna oħra li aċċettat ir-responsabilita' tal-impjieg ta' persuni terzi. Apparti minn dan, fir-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali minn imkien ma jirriżulta xi argument fejn tiġi mqajjma xi applikazzjoni żbaljata tal-liġi minn naħa tal-Ewwel Qorti. B'hekk tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti tqis li l-appellat għandu raġun fl-eċċezzjoni mressqa minnu fir-rigward tar-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni mressqa mill-appellat Christian Borg rigward l-improponibilita' tar-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali bil-konsegwenza li din il-Qorti tiddikjara l-istess appell bħala irritu u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**